

B'digriet tas-16 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) iddeċidiet li tiċħad l-appell, bħala parzialment manifestament infondat u parzialment manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellantanti għall-ispejjeż tagħha stess.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Nysie (il-Polonja) fil-21 ta' Diċembru 2020 – Centraal Justitieel Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB) vs AP

(**Kawża C-699/20**)

(2021/C 310/12)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy w Nysie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Centraal Justitieel Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB)

Konvenut: AP

B'digriet tat-8 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) iddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Sąd Rejonowy w Nysie, II Wydział Karny (Polska) (il-Qorti Distrettwali f'Nysa, Sezzjoni II: Sezzjoni Kriminali, il-Polonja), manifestament inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Mejju 2021 – VA vs Deutsche Rentenversicherung Bund

(**Kawża C-283/21**)

(2021/C 310/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VA

Konvenut: Deutsche Rentenversicherung Bund

fil-preżenza ta': RB

Domandi preliminari

- Skont il-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, bħala l-Istat Membru responsabbli taħt it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (1), perijodu ta' trobbija tat-tfal fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (2), għandu jiġi kkunsidrat mill-fatt li l-perijodu tat-trobbija tat-tfal fil-Pajjiżi l-Baxxi, purament bħala perijodu ta' residenza, jistabbilixxi drittijiet għall-pensjoni?